# Fuq il-Lant

Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi

Ħarġa Nru 10 - Lulju 2024

**Merħba għal ħarġa oħra tal-perjodiku 'Fuq il-Lant'. Ser nagħtu ħarsa lejn tliet proġetti li għaddejjin bħalissa mid-Dipartiment tagħna fil-qalba tal-komunità, maħsubin biex ikomplu jtejbu l-ħajja mhux biss tar-residenti imma anke ta' dawk kollha li jżuru dawn l-inħawi.**

## Bini mill-ġdid tal-ħitan li jdawru ċ-ċimiterju taż-Żejtun

Bħalissa jinsabu kważi lesti x-xogħlijiet biex inbidlu l-ħitan li jdawru ċ-ċimiterju tal-parroċċa taż-Żejtun.

Fil-fatt il-ħajt tad-dawra reġa' inbena mill-ġdid kif kien, u fejn possibbli intuża wkoll l-istess ġebel. Flimkien ma' dan ix-xogħol, sar ukoll ir-restawr tal-istatwetti tal-erwieħ u simboli oħra relatati li hemm fuq il-pilastri. Ir-railings tal-ħadid bħalissa qed titneħħielhom iż-żebgħa l-antika, u qed jingħataw kisja ta' materjal protettiv u żebgħa mill-ġdid. Dawn ir-railings flimkien ma' aċċessorji oħra, ser jitwaħħlu lura mal-pilastri permezz ta' fittings tal-istainless steel, sabiex tkun evitat ħsara aktar 'il quddiem.

Fir-ritratti jidher il-ħajt kif kien qabel u kif inhu issa li nbena mill-ġdid.





COMMUNICATIONS UNIT
DIPARTIMENT TAX- XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

2292 2292

info.pwd@gov.mt

publicworksdepartment.gov.mt

Public Works Department Malta

# Inawgurat ix-xogħol estensiv ta’ restawr li sar lill-funtana tal-iljun fil-Furjana



Oriġinarjament din il-funtana tal-iljun li tinsab fi Triq Sant’Anna fil-Furjana inbniet fis-sena 1728 meta kien Gran Mastru Fra Antonio Manoel de Vilhena. L-iljun huwa parti mill-arma ta’ dan il-Gran Mastru li huwa wkoll il-patrun ta’ dan il-post. Fil-fatt dan l-istess iljun qiegħed iżomm f’idejh l-arma tal-istess Gran Mastru. Simili tiegħu nsibu fid-daħla tal-Imdina, wara li l-istess Gran Mastru għamel ħafna modifikazzjonijiet fil-Belt l-antika wara t-terremot tal-1693, kif ukoll in-naħa tal-Port il-Kbir fil-Belt.

Fiż-żmien li nbniet din il-Funtana, l-iskop ma kienx biss ornamentali, imma bħal ħafna funtani pubbliċi oħra fil-Kapitali u l-madwar kienu jipprovdu l-ilma kemm għall-għixien tan-nies kif ukoll tal-bhejjem. Fil-bidu tas-seklu l-ieħor, meta l-ilma beda jitwassal fid-djar, l-iskop tal-Funtana sar biss dak ornamentali. Fl-1942 l-Iljun tal-Furjana intlaqat waqt wieħed mill-attakki tal-għadu fil-Gwerra. Minn hemm iżżarma u ttieħed f’post iżjed sigur biex ma tkomplix issirlu ħsara. Wara l-Gwerra din il-Funtana ġiet irrestawrata u ħafna minnha kellha tinbidel. Din imbagħad reġgħet tqiegħdet mill-ġdid f’postha.

Mal-milja tas-snin, din il-funtana żviluppawlha ħsarat konsiderevoli billi fost oħrajn fil-passat kienu saru interventi strutturali li wasslu biex xogħlijiet ta’ manutenzjoni ma kinux biżżejjed sabiex din il-funtana setgħet tibqa’ tiffunzjona.

Sussegwentament, wara li saru l-interventi investigattivi mid-Direttorat tar-Restawr, u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, deher ċar li x-xogħol meħtieġ kien ser ikun akbar minn dak antiċipat. Għaldaqstant, ġew posposti x-xogħlijiet minħabba li f’dan l-istadju issa kien hemm bżonn li ssir applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.

Wara li nħargu l-permessi neċessarji, intagħżel il-kuntrattur u bdew ix-xogħlijiet. Dawn fost l-oħrajn kienu jinkludu: tindif minn materjal li ġie akkumulat matul is-snin, sistema ġdida ta’ pajpijiet tal-ilma u dwal li jixirqu lill-istess funtana li kollha kemm huma ser ikunu kontrollati minn sistema kompjuterizzata. Sar ukoll ir-restawr intensiv tal-pedestall, l-ornamenti u l-iskultura tal-iljun innifisha.

Ix-xogħlijiet ġew inawgurati propju fil-ġimgħa li l-Furjana kienet qed tiċċelebra il-festa tal-patrun tagħha San Publju.



# Xogħol ta' tisbiħ u alterazzjonijiet fil-piċċ tal-boċċi ta' Ħaż-Żabbar





**Jinsab fil-fażi finali tiegħu ix-xogħol ta' rinnovazzjoni fuq il-piċċ tal-boċċi ta' Ħaż-Żabbar. Saret alterazzjoni fit-turġien tal-madwar. Dan sabiex setgħu jitwaħħlu siġġijiet għal aktar kumdità u sigurtà tal-ispettaturi. Ser isir ukoll fencing ġdid mad-dawra tal-piċċ, kif ukoll tikħil, manutenzjoni u żebgħa tal-post. Jikkumplimenta dan ix-xogħol kollu ser ikun il-livellar u t-tballit mill-ġdid tar-ramel tal-imsemmi piċċ.**

## Attività soċjali u sportiva b'għan filantropiku - Se norganizzaw dawra bir-roti b'risq id-Dar tal-Providenza

Il-Ħadd 27 ta' Ottubru ser tiġi organizzata dawra bir-roti għal kulħadd. Inħeggukom biex tingħaqdu magħna kemm jekk tħobbu r-rota, kif ukoll jekk tridu tagħmlu ftit eżerċizzju b'mod divertenti. Ser nagħtu xarbiet kemm f'nofs kif ukoll fl-aħħar tar-rotta, u se jkollna wkoll posti tal-ewwel għajnuna għas-sigurtà ta' kulħadd. Din ser tkun dawra li tkopri madwar 7 kilometri li fihom ngħaddu minn diversi proġetti tagħna fosthom: Il-Park Nazzjonali f'Ta' Qali minn fejn ser nibdew, il-pont ta' Gomorino, l-Imtarfa u Triq Għeriexem. Ser tinġabar donazzjoni ta' €10 b'risq id-Dar tal-Providenza. Biex tirreġistra, uża l-mobile biex tiskennja dan il-QR code.





# Żewġ proġetti li għaddejin bħalissa mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fis-Siġġiewi

**Bla dubju ta' xejn li wieħed mill-isbaħ irħula li għandna f'pajjiżna huwa s-Siġġiewi. Bħalissa id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għandu għaddej fis-Siġġiewi żewġ proġett maġġuri li huma: it-tisbiħ u rinovar ta' spazju fil-qalba tal-komunità magħrufa bħala Ta' Ramija, kif ukoll il-bini mill-ġdid taz-zuntier tal-knisja parrokkjali iddedikata lil San Nikola.**

## It-Tisbiħ u r-rinovar fl-inħawi Ta' Ramija fis-Siġġiewi








Bħalissa għaddejjin xogħlijiet biex spazju fil-qalba ta' bini residenzjali fis-Siġġiewi, jinbidel f'żona ħadra u rikreattiva għall-komunità. Tneħħa l-paviment tal-konkos u ġiet mibnija ġiebja biex tiġbor l-ilma tax-xita. L-ilma li ser jinġabar f'din il-ġiebja imbagħad jibda jintuża fis-sistema ġdida ta' irrigazzjoni li ser tiġi installata f'dan il-post. Saru passaġġi ta' servizzi taħt l-art biex minnhom jiġu mgħoddija dawk ġodda ħalli tkun tista' ssir manutenzjoni kontinwa.  Il-proġett ser ikun jinkludu CCTV, fanali tad-dawl ġodda b'lampi li jikkunsmaw inqas filwaqt li jdawlu aħjar il-post, kif ukoll WiFi.

Ser jiġu mħawla numru ta' siġar u arbuxelli kif ukoll ser jitqiegħed pavimentar ġdid li jixraq mal-post, filwaqt li jinħolqu passaġġi fil-madwar. Dan kollu se jiġi kkumplimentat b'għamara ta' barra ġdida, xierqa u moderna.

# Il-Bini mill-ġdid taz-Zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi



Iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' San Nikola fis-Siġġiewi, li preżentament huwa magħmul minn ġebel tal-franka u madum tas-siment, għandu ħsarat kbar, tant li matul iż-żminijiet saru fuqu interventi li ma kinux skont is-sengħa tal-bini u l-arkitettura. Dan anke billi saru diversi rqajja fuqu bil-konkrit u s-siment. Fuq kollox iz-zuntier preżenti huwa mibni fuq bażi ta' ħamrija u terrapien ieħor li xejn mhu sod.

Iz-zuntier preżenti qed jinqala' u jerġa' jinbena kollu kemm hu mill-ġdid skont is-sengħa u l-arti. Dan ix-xogħol qed ikun imqassam f'disa' fażijiet, biex bi ftehim mal-Arcipriet tal-Parroċċa, il-funzjonijiet u l-andament fil-Knisja jibqgħu għaddejjin.

Il-materjal li ser ikun użat biex jifforma z-zuntier il-ġdid huwa Pietra di Modica. Ix-xogħol fuq dan il-materjal qed isir f'żewġ proċessi separati. Fl-Italja jinqatgħu ċ-ċapep skont l-għoli meħtieġ filwaqt li jiġu wkoll trattati u mmartellati l-uċuh tagħhom bil-lest. F'Malta imbagħad kull ċappa li tifforma parti minn dan iz-zuntier tiġi maqtugħa skont il-mollijiet li diġà ġew ippreparati, biex b'hekk kull ċappa tkun tista' titqiegħed fil-post eżatt tagħha skont il-pjanti mħejjija. Ta' min jgħid li t-taraġ biss ta' dan iz-Zuntier (jiġifieri minbarra l-paviment) huwa ffurmat minn madwar 1,200 biċċa.

Bħala dehra ġenerali u estetika finali, iz-zuntier il-ġdid ser ikun eżattament bħal dak eżistenti.

Bħalissa saru diversi xogħlijiet fuq il-pedamenti ta' dan iz-zuntier, kif ukoll tlestiet l-ewwel fażi tat-turġien il-ġodda.



